GĦAXAR SNIN
TEATRU MALTA

# SEJĦA GĦALL-ATTURI

Applika sal-Ġimgħa 6 ta' Frar, 12:00pm

NAPA

teatrumalta.org.mt

# SEJĦA GĦALL-ATTURI

Teatru Malta qed jistieden atturi biex jaħdmu ma' grupp ta' diretturi emerġenti fuq proġett artistiku ġdid li jesplora drammi minn madwar l-Ewropa u l-Mediterran.

# DWAR IL-PROĠETT

Biex jiċċelebra l-10 anniversarju tiegħu, Teatru Malta qed iniedi inizjattiva artistika li se tinkludi programm ikkurat ta' 10 drammi minn madwar l-Ewropa u l-Mediterran, li qatt ma ttellgħu Malta qabel. Dawn ix-xogħlijiet se jiġu tradotti u ppreżentati għall-ewwel darba bil-Malti, u se joffru lill-udjenzi l-opportunità jaraw sensiela ta' xogħlijiet importanti minn tradizzjonijiet teatrali li ftit li xejn huma rappreżentati fuq il-palkijiet tagħna.

Il-proġett se jitmexxa minn 10 diretturi emerġenti, bil-gwida u l-mentoring tal-Ensemble ta' Teatru Malta. Id-drammi se jiġu ppreżentati f'ambjent sempliċi ta' black-box theatre, f'serje ta' double-bills li se jittellgħu matul is-sena.

L-atturi magħżula se jaħdmu ma' wieħed mid-diretturi waqt perjodu ta' provi għal wieħed mid-drammi, u mbagħad jippreżentaw ix-xogħol tagħhom f'weekend ta' wirjiet pubbliċi.

# QED INFITTIXU

Atturi ta' kull età (16+) u ta' kull ġeneru li:

- Ikunu interessati fil-minimaliżmu, xogħol ibbażat fuq il-proċess, u rakkontar ċentrali fuq l-attur

- Ikunu lesti jikkollaboraw mal-Ensemble u t-tim artistiku ta' Teatru Malta

- Ikunu jistgħu jiddedikaw ruħhom għal proċess ta' provi ta' 4 ġimgħat f'dati magħżula fl-2026

- Ikollhom numru tal-VAT validu

↓ Ġaħan



# SKEDA:

*L-EWWEL WEEKEND*

One Who Wants to Cross ta' Marc-Emmanuel Soriano, direzzjoni ta' Alex Weenink

Audience ta' Václav Havel, direzzjoni ta' Josue Formosa

Provi: 23 ta' Frar – 27 ta' Marzu
Wirjiet: 27 – 29 ta' Marzu

*IT-TIENI WEEKEND*

The Newcomer ta' Mikhail Roman, direzzjoni ta' Brendan Thearle

MARIOULA ta' Lena Kitsopoulou, direzzjoni ta' Pamela Farrugia

Provi: 30 ta' Marzu – 1 ta' Mejju
Wirjiet: 1 – 3 ta' Mejju

*IT-TIELET WEEKEND*

Dialogue Between a Prostitute and Her Client ta' Dacia Maraini, direzzjoni ta' Julia Camilleri

5Boys ta' Simona Semenič, direzzjoni ta' Julienne Restall

Provi: 4 ta' Mejju – 5 ta' Ġunju
Wirjiet: 5 – 7 ta' Ġunju

*IR-RABA' WEEKEND*

The Ugly One ta' Marius von Mayenburg, direzzjoni ta' Daniel Formosa

Mother and Child ta' Jon Fosse, direzzjoni ta' Stef Deguara

Provi: 14 ta' Settembru – 16 ta' Ottubru
Wirjiet: 16 – 18 ta' Ottubru

*IL-ĦAMES WEEKEND*

The Dictator ta' Issam Mahfouz, direzzjoni ta' Nicholas Gambin

The Madman and the Nun ta' Stanisław Ignacy Witkiewicz, direzzjoni ta' Zsófia Veronika Kelemen

Provi: 19 ta' Ottubru – 20 ta' Novembru
Wirjiet: 20 – 22 ta' Novembru

↓ O.



Post tal-Provi u Wirjiet: Domus Theatre, Juventutis Domus, Triq San Girgor, Żejtun

Skeda: Wirjiet filgħaxija; provi skont id-disponibbiltà

Ħlas: Onorarju ta' €500 (eskluż VAT)

## KIF TAPPLIKA

Ibgħat email fuq contact@teatrumalta.org.mt bis-suġġett:
"[Isem u Kunjom] – Call for Actors"

Jekk jogħġbok inkludi:
- Self-tapes ta' żewġ monologi (1–3 minuti kull wieħed) bil-Malti
- Bio qasir jew CV li jiddeskrivi x-xogħol kreattiv preċedenti tiegħek, it-taħriġ u/jew kollaborazzjonijiet li kellek

Fl-email tiegħek, indika jekk hemmx xi drammi jew weekends ta' wirjiet li fihom ma tkunx disponibbli jew li ma tixtieqx tkun ikkunsidrat għalihom.

L-applikazzjonijiet kollha se jiġu evalwati mid-diretturi, li jistgħu jitolbu audition oħra jew materjal addizzjonali qabel ma joffru l-parti.
Skadenza:

Il-Ġimgħa, 6 ta' Frar, f'nofsinhar.

## MIN AĦNA

Teatru Malta huwa t-teatru nazzjonali ta' Malta, iddedikat għall-ħolqien ta' xogħol innovattiv u aċċessibbli li jqajjem passjoni dejjiema għat-teatru. Bħala parti mill-Aġenzija Nazzjonali għall-Arti Performattiva, Teatru Malta jappoġġja kemm komunitajiet artistiċi kif ukoll mhux artistiċi, b'enfasi fuq xogħlijiet oriġinali jew tradotti bil-Malti, l-iżvilupp tal-ħiliet fis-settur, u l-arkivjar tal-wirt teatrali Malti.

↓ Larinġa Mekkanika




GĦAXAR SNIN
TEATRU MALTA